

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/956**tal-31 ta' Mejju 2021****dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 57(4) u l-Artikolu 58(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽²⁾, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija totalment jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi suddivizzjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan li jkun hemm l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ fil-merkanzija.
- (3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, jenħtieġ li l-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella ppreżentata fl-Anness jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), bis-saħħa tar-raġunijiet ippreżentati fil-kolonna (3) ta'dik it-tabella.
- (4) Huwa xieraq li jiġi previst li l-informazzjoni vinkolanti dwar it-tariffi maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament u li ma tkunx tikkonforma ma' dan ir-Regolament tkun tista' tibqa' tiġi invokata mid-detentur, għal ċertu perjodu, f'konformità mal-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013. Jenħtieġ li dan il-perjodu jkun ta' tliet xhur.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif ippreżentata fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 34(9) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 għal perjodu ta' tliet xhur minn meta jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.⁽¹⁾ ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Mejju 2021.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Gerassimos THOMAS
Direttur Ġenerali
Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
<p>Oġġett modulari b'karatteristiċi ta' assorbiment tal-ħoss u ta' iżolament tal-ħoss (hekk imsejħa "sistema kamra f'kamra"). Meta mmuntat, id-dimensjonijiet tiegħu huma: bejn wieħed u ieħor 3 m fil-wisa', bejn 2 m u 6 m fit-tul u 2,3 m fil-ġholi, u l-hitana tiegħu għandhom ħxuna ta' bejn wieħed u ieħor 40 mm. Jikkonsisti minn qafas kubiku tal-aluminju, mgħaqqad flimkien b'sensiela ta' kantunieri tal-metall u ta' pannelli, li jintramaw mal-ġnub u fil-parti ta' fuq tal-istruttura.</p> <p>Kull pannell jikkonsisti minn kisja ta' poliester akustiku stampat magħmul minn drapp reżistenti għan-nar fuq naħa u minn ċippboard laminat fuq in-naħa l-oħra. Il-parti ta' ġewwa tal-pannell hija kkuttunata bil-fibra tal-ġebbla (densità ta' 100 kg/m³).</p> <p>Is-saqaf huwa magħmul minn pannelli tal-poliester u travetti tal-aluminju. L-oġġett huwa mgħammar ukoll b'bieb, twieqi, sistema tat-tidwil bl-LED u sistema tal-ventilazzjoni.</p> <p>L-oġġett huwa ddisinjat bħala kostruzzjoni speċjali li tintrama ġewwa bini eżistenti lest, peress li ma joffri l-ebda protezzjoni mill-elementi. Huwa ppreżentat biex jintuża f'uffiċċji open-plan, bħala żona magħluqa għad-diskussjonijiet kunfidenzjali, jew biex tinħoloq żona kwieta.</p> <p>Ara l-istampa (*)</p>	7610 90 90	<p>Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-regoli ġenerali 1, 2(a), 3(b) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 7610, 7610 90 u 7610 90 90.</p> <p>Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 9406 hija eskluża peress li l-oġġett mhuwiex "bini prefabbrikat" awtonomu lest jew mhux komplut peress li la jista' jitqies bħala akkomodazzjoni residenzjali jew għal post tax-xogħol u lanqas bħala bini simili (ara wkoll in-Nota 4 tal-Kapitolu 94 u n-Nota ta' Spjegazzjoni tas-Sistema Armonizzata għall-intestatura 9406). Mhuwiex tajjeb għall-użu fuq barra peress li mhux reżistenti għall-elementi. L-oġġett huwa ddisinjat bħala kostruzzjoni speċjali li tintrama ġewwa bini eżistenti lest.</p> <p>L-oġġett huwa prodott kompost, li l-karattru essenzjali tiegħu huwa pprovdut mill-element kostruttiv (qafas tal-aluminju). Għalhekk għandu jġi kklassifikat skont il-materjal kostitwent ta' dak il-komponent.</p> <p>Għaldaqstant, l-oġġett irid jġi kklassifikat taħt il-kodiċi NM 7610 90 90 bħal strutturi oħra tal-aluminju.</p>

(*) L-istampa hija biss għal raġunijiet ta' inforazzjoni.

